



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2013/2127(INI)

28.11.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-parteciċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji
(2013/2127(INI))

Rapporteur: Fabrizio Bertot

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jemmen li, biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni finanzjarja bl-għan li tinholq forma ġdida ta' finanzjament tal-kumpanija u l-impjegati jkunu jistgħu jintrabtu aktar mal-impriża li timpjegahom, l-impjegaturi għandhom jingħataw l-opportunità li joffru lill-impjegati forom ta' sottoskrizzjonijiet tal-kapital azzjonarju jew inkella titoli ta' dejn maħruġa speċifikament (bonds); hu tal-fehma li s-sottoskrizzjonijiet tal-kapital għandhom ikunu esegwiti b'mod volontarju mill-impjegati, li jaġixxu jew bħala individwi jew bħala grupp, kif ukoll mill-kumpanija;
2. Huwa tal-fehma li l-Parteċipazzjoni Finanzjarja tal-Impjegati (EFP) tista' tkun ukoll forma ta' benefiċċju għall-impjegat, permezz ta' parteċipazzjoni f'kapital jew bonds speċifiċi maħruġa bħala tip ta' kumpens diferit, skont il-prodott finanzjarju użat u t-tip ta' kumpanija inkwistjoni;
3. Jenfasizza li hi meħtieġa aktar trasparenza fl-iskemi nazzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegati u speċjalment meta jiġi kkalkolat il-piż tat-taxxa effettiv fl-UE-28 sabiex jiġu evitati t-taxxa doppja u d-diskriminazzjoni;
4. Jinnota d-differenzi fost l-Istati Membri fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet obligatorji tas-sigurtà soċjali fuq id-dħul għall-parteċipazzjoni finanzjarja;
5. Jinnota wkoll li d-differenzi fiskali fl-iskemi għall-parteċipazzjoni tal-impjegati joħolqu ostakoli għall-mobbiltà tal-ħaddiema u l-moviment liberu tal-kapital;
6. Itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tal-iskemi għall-parteċipazzjoni tal-impjegati bħala l-ewwel pass lejn mudell Ewropew komuni;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' mudell Ewropew għall-parteċipazzjoni tal-impjegati biex ikun żviluppat bħala strument alternattiv u fakultattiv għall-Istati Membri bil-għan li jissaħħaħ is-Suq Uniku, jittejbu l-attivitajiet transkonfinali tal-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, u jiġu protetti l-impjegati tal-kumpaniji sussidjarji; jinnota li qafas Ewropew ta' dan it-tip għandu jservi biss bħala għażla tal-aħjar Prattika u jkun disponibbli biex jintuża minn kumpaniji fuq bażi volontarja;
8. Jinnota li qafas ta' mudell Ewropew għall-parteċipazzjoni tal-impjegati ma għandux ikun prevalenti fuq ir-regoli tat-tassazzjoni nazzjonali;
9. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi ta' tassazzjoni, bi qil mal-prinċipji tal-aħjar Prattika, meta jippromovu skemi għall-parteċipazzjoni tal-impjegati;
10. Jinnota li inċentivi tat-taxxa mmirati b'mod preċiż jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati f'diversi Stati Membri u anke jgħinu t-tkabbir ekonomiku;
11. Jemmen li, sabiex jinħolqu kundizzjonijiet indaqs u biex ma tiġix ostakolata l-

internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi, u biex jiġu evitati t-taxxa doppja u d-diskriminazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra “29 reġim” fakultattiv, volontarju u kumplessiv li jikkumplimenta s-sistemi ta' taxxa nazzjonali;

12. Huwa tal-fehma, għaldaqstant, li l-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta linji gwida dwar it-tassazzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati;
13. Ifakkar li, kif indikat fil-perjodu ta' qabel il-kriżi finanzjarja, il-politiki ta' remunerazzjoni li jinkoraġġixxu mgħiba eċċessivament riskjuża mill-impjegati jistgħu jikkompromettu l-amministrazzjoni tajba u effikaċi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, tal-fondi ta' investiment u ta' kumpaniji oħrajn fis-settur finanzjarju;
14. Jinnota li l-parteċipazzjoni tal-impjegati trawwem il-koeżjoni soċjali tant meħtieġa u ssaħħaħ ferm aktar il-governanza korporattiva sostenibbli; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li tittieħed prekawzjoni fil-promozzjoni tal-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja sabiex il-pagi ma jiġux sostitwiti minn sistemi ta' qsim tal-profitti;
15. Jemmen li kwalunkwe miżura li tirrigwarda l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fl-introjt tal-kumpanija għandha tkun sostenibbli fuq terminu twil u abbażi tal-prinċipji ta' parteċipazzjoni volontarja, tal-ugwaljanza fost il-ħaddiema u ta' diliġenza dovuta, speċjalment għall-SMEs; jenfasizza l-fatt li, minkejja li l-UE tirrikonoxxi l-utilità ta' skemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati, dan il-qasam mhux kompetenza tal-Unjoni;
16. Jirrikonoxxi li s-suċċessjoni tan-negozju, il-finanzjament addizzjonali, iż-żamma tal-persunal u problemi karatteristiċi oħra tal-SMEs, jistgħu jittaffew minn pjanijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati; huwa tal-opinjoni li l-iskemi ta' parteċipazzjoni tal-impjegati f'intrapriżi żgħira u mikro jistgħu jiġu kkombinati ma' miżuri tas-suq tax-xogħol, bħall-benefiċċji tal-qgħad, u għalhekk jgħinu biex jiġu riintegrati l-persuni qiegħda;
17. Jinnota li hemm nuqqas ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar skemi possibbli ta' parteċipazzjoni tal-impjegati, speċjalment fost l-SMEs; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw aħjar il-kampanji ta' informazzjoni u jinkoraġġixxi t-trasferibbiltà transkonfinali tal-iskemi tal-aħjar Prattika fost l-Istati Membri.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 3 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Jean-Paul Basset, Sharon Bowles, Udo Bullmann, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Derk Jan Eppink, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Liem Hoang Ngoc, Syed Kamall, Astrid Lulling, Ivana Maletić, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Sławomir Nitrás, Ivari Padar, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Fabrizio Bertot, Philippe De Backer, Sari Essayah, Ashley Fox, Olle Ludvigsson, Nils Torvalds, Emilie Turunen, Oleg Valjalo